MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-13 ta' April, 2007

Appell Civili Numru. 1642/1998/1

**Lombard Bank Malta plc**

**v.**

**Eurimpex Ltd bhala debitur principali u Edwin u Aloysia sive Louise konjugi Zaffarese u John u Carmen konjugi Gauci bhala garanti solidali**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. Dan hu appell ad istanza tas-socjeta` attrici minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Frar 2004, dwar talba li hija kienet ghamlet permezz ta'

citazzjoni pprezentata minnha fis-6 ta’ Awissu 1998, fejn talbet il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti kollha solidalment biex ihallsu l-ammont ta’ tlettax-il elf, seba’ mija sebgha u tmenin liri Maltin u tnax-il centezmu (Lm13,787.12), rapprezentanti bilanc ghad-debitu f’zewg facilitajiet ta’ kont kurrenti moghtija lis-socjeta` Eurimpex ltd, liema ammont jinkludi l-imghax kalkolat sal-31 ta’ Lulju 1998. Il-Bank attur talab ukoll il-hlas ta’ l-imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv, oltre l-ispejjez ta’ l-ETS, l-ittra ufficjali tad-9 ta’ Gunju 1997 u l-mandat ta’ sekwestru ipprezentat kontestwalment mal-kawza. Din is-sentenza kienet tghid hekk –

**“Il-Qorti.**

**“Preliminari**

“Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi l-Bank attrici permezz ta’ zewg kuntratti fl-atti tan-Nutar Joseph Vassallo Agius li jgibu d-dati tat-tlettax (13) ta’ Marzu elf disa’ mija u disghin (1990) u tas-sitta u ghoxrin (26) ta’ Marzu elf disa’ mija wiehed u disghin (1991) li kopji taghhom huma hawn annessi u mmarkati Dok “A” u Dok “B”, ikkonceda lis-socjeta’ Eurimpex Ltd facilitajiet ta’ “overdraft” u in forza ta’ dawn il-facilitajiet l-imsemmija socjeta sselfet flus minghand il-Bank attrici u ghandha debitu bilancjali komplessiv favur l-istess Bank attrici ta’ tlettax-il elf seba’ mija sebgha u tmenin liri Maltin u tnax-il centezmu (Lm13,787.12) skond zewg “ledger detail sheets” hawn annessi u mmarkati Dok “C” u Dok “D” bl-interessi kkalkolati sal-wiehed u tletin (31) ta’ Lulju elf disa’ mija tmienja u disghin (1998) oltre l-imghaxijiet ulterjuri mill-ewwel (1) ta’ Awissu elf disa’ mija tmienja u disghin (1998) sad-data tal-pagament effettiv, u ggarantiet l-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu permezz ta’ ipoteka generali fuq il-proprjeta’ taghha kollha prezenti u futuri (sic) skond kif ahjar deskritt fl-imsemmija kuntratti;

“Premess illi permezz taz-zewg kuntratti hawn fuq imsemmija u hawn annessi u mmarkati Dok “A” u Dok “B”, il-konvenut Edwin Zaffarese ggarantixxa solidalment mas-socjeta’ konvenuta Eurimpex Ltd (tul iz-zwieg ma’ martu l-konvenuta Aloysia sive Louise Zaffarese) il-hlas lura ta’ l-

imsemmi debitu billi kkostitwixxa ipoteka generali fuq il-proprjeta' kollha tieghu prezenti u futuri (sic) u ipoteka specjali fuq proprjeta' fil-Fgura skond kif hemm ahjar deskirtt;

“Premess illi permezz ta' skrittura privata li kopja taghha hija hawn annessa u mmarkata Dok “E”, il-konvenuti Edwin Zaffarese u John Gauci (tul iz-zwieg ma' marthom il-konvenuti l-ohra Aloysia sive Louise Zaffarese u Carmen Gauci rispettivament) iggarantixxew solidalment mas-socjeta' konvenuta l-hlas lura ta' dan id-debitu sa l-ammont ta' erbatax-il elf liri Maltin (Lm14,000) skond kif hemm ahjar deskritt;

“U premess illi ghalkemm interpellati sabiex ihallsu dan id-debitu anke ufficjalment, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

“Ghaldaqstant il-Bank attur talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

“Jigu l-konvenuti kollha solidalment ikkundannati sabiex ihallsu lill-Bank attrici s-somma ta' tlettax-il elf, seba' mija sebgha u tmenin liri Maltin u tnax-il centezmu (Lm13,787.12) skond zewg “ledger detail sheets” hawn annessi u mmarkati Dok “C” u Dok “D” bl-interessi kkalkolati sal-wiehed u tletin (31) ta' Lulju elf disa' mija tmienja u disghin (1998) oltre l-imghaxijiet ulterjuri mill-ewwel (1) ta' Awissu elf disa' mija tmienja u disghin (1998) sad-data tal-pagament effettiv;

“Bl-ispejjez kollha inkluz l-ETS, kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data tad-9 ta' Gunju, 1997, tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' din il-kawza, u bl-imghaxijiet legali mill-ewwel (1) ta' Awissu elf disa' mija tmienja u disghin (1998) sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li d-diretturi taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom, u kontra l-konvenuti l-ohra li huma wkoll minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-Bank attur a fol. 3 tal-process;

“Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Edwin u Aloysia sive Louise konjugi Zaffarese a fol. 25** tal-process fejn eccepew:

“1. Illi preliminarjament tali proceduri ma kienx hemm il-htiega ghalihom jekk il-bank odjern ghandu fil-pussess tieghu l-kuntratti msemmija fic-citazzjoni liema kuntratti huma kkonsidrati bhala titlu ezekuttiv.

“2. Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, mhux qed ikun hemm qbil dwar l-ammont u l-imghaxijiet kif komputati.

“3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

“Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti John u Carmen konjugi Gauci a fol. 28** tal-process fejn eccepew:

“1. Illi fl-ewwel lok ic-citazzjoni kontra wiehed mill-konvenuti konjugi Gauci ma kienitx innotifikata skond il-ligi;

“2. Illi bla pregudizzju ghas-suepost l-azzjoni kwantu diretta kontra l-konvenuti John u Carmen Gauci hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156(d) u (e) tal-Kap 16;

“3. Salv eccezzjonijiet ohra.

**“Rat li s-socjeta’ konvenuta Eurimpex Limited baqghet kontumaci.**

“Rat il-verbal a fol. 31 li bih giet irtirata l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Gauci;

“Rat id-digriet a fol. 91;

“Rat ir-relazzjoni tal-espert kaligrafu Joseph Gaffiero (a fol. 97 et seq.).

“Rat **in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuta Aloysia sive Louise Zaffarese a fol. 115** fejn eccepiet:

“1. Illi l-firem a fol. 71 u 79 tal-process ma sarux mill-konvenuta Aloysia sive Louise Zaffarese u dan kif gie konfermat mill-perit tekniku Joseph Gaffiero fir-rapport tieghu datat 22 ta’ Mejju 2002, (liema rapport huwa anness u mmarkat bhala Dok LZ1);

“2. Illi ghaldaqstant il-konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

“3. Illi konsegwentement it-talbiet tas-socjeta’ attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

“Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

“Semghet ix-xhieda bil-gurament;

“Rat in-noti tal-partijiet;

“Rat il-verbal tat-28 ta’ Jannar, 2004;

“Rat in-nota tal-23 ta’ Frar, 2004;

**“KONSIDERAZZJONIJIET.**

**“FATTI**

“M’huwiex kontestat mill-partijiet li permezz ta’ zewg kuntratti fl-atti tan-Nutar Joseph Vasssallo Aguis tat-13 ta’ Marzu, 1990 u tas-26 ta’ Marzu 1991 rispettivament ( esebiti a fol. 5 u 9 tal-processs) is-socjeta’ attrici kkoncediet lis-socjeta’ konvenuta Eurimpex Limited facilitajiet ta’ Overdraft u extension tal-overdraft ghas-somma ta’ Lm10,000. Is-socjeta’ attrici tispjega li in forza ta’ dawn il-facilitajiet is-socjeta’ konventa sselfet flus minghand il-bank attur u ghandha debitu bilancjali favur is-socjeta’ attrici fis-somma ta’ Lm13,787.12 bl-interessi kalkolati sal-31 ta’ Lulju 1998. Is-socjeta’ konvenuta ggarantiet il-hlas lura tal-imsemmi debitu permezz ta’

ipoteka generali fuq il-propjeta' taghha kollha prezenti u futura.

"Permezz tal-imsemmija zewg kuntratti il-konvenut Edwin Zaffarese, tul iz-zwieg ma l-konvenuta Aloysia sive Louise Zaffarese, iggarantixxa solidalment mas-socjeta' konvenuta il-hlas lura tal-imsemmi debitu billi kkkostitwixxa ipoteka generali fuq il-propjeta' kollha tieghu prezenti u futuri u ipoteka specjali fuq propjeta' fil-Fgura skond kif deskritta fil-kuntratti esebiti a fol. 5 u 9 tal-process.

"Permezz ta' skritttura privata (esebita a fol. sa 19) (sic) u datata 10 ta' April 1992 il-konvenuti Edwin Zaffarese u John Gauci, tul iz-zwieg taghhom mal-konvenuti Aloysia sive Louise Zaffarese u Carmen Gauci rispettivament, iggarantew solidalment mas-socjeta' konvenuta il-hlas lura ta' dan id-debitu sal-ammont ta' Lm14,000.00.

"Fil-15 ta' April 1992 l-Overdraft Facility koncess lis-socjeta' konvenuta gie konvertit f'loan account ghall-ammont ta' Lm14,000.00 u dan l-ammont kellu jithallas lura f'pagamenti rateali ta' Lm120.00 fil-gimgha u saz-zmien 32 xahar minn din id-data.

"Mal-kuntratt datat 13 ta' Marzu, 1990 kien hemm annessa formola datata 12 ta' Marzu, 1990 (a fol. 71) fejn il-konvenuta Louise Zaffarese tat il-kunsens lil zewgha Edwin Zaffarese sabiex huwa jipoteka l-propjeta' appartenenti lil komunjoni tal-akkwisti favur is-socjeta' attrici. A fol. 79 giet esebita wkoll kopja ta' prokura generali ffirmata mill-konvenuta Louise Zaffarese favur zewgha Edwin Zaffarese. Il-konvenuta Louise Zaffarese ssostni li l-firem taghha riportati fuq dawn iz-zewg dokumenti huma foloz stante li hija qatt ma ffirmat l-imsemmijia dokumenti. Mir-rapport tal-espert kaligrafu Joseph Gaffiero, nominat minn dina l-Qorti (a fol. 97 et seq.) fil-fatt jirrizulta li dawn iz-zewg firem m'humiex tal-konvenuta Louise Zaffarese. Il-konvenuta qeghda ghalhekk teccepixxi li hija ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

**“Eccezzjonijiet**

“Hemm diversi punti ta’ kontestazzjoni sollevati mill-partijiet u dawn ser jigu kkunsidrati separatament skond l-eccezzjonijiet sollevati.

**“Edwin u Aloysia sive Louise konjugi Zaffarese eccepew** (a fol 25) illi preliminarjament tali proceduri ma kienx hemm il-htiega ghalihom jekk il-bank odjern ghandu fil-pussess tieghu l-kuntratti msemmija fic-citazzjoni liema kuntratti huma kkonsidrati bhala titolu ezekuttiv.

**“Titolu Ezekuttiv**

“Il-konvenuti Edwin u Aloysia Zaffarese jikkontendu li l-proceduri odjerni ma kienux mehtiega stante li d-dejn jirrizulta minn att pubbliku u ai termini tal-Artikolu 253(b) tal-Kap. 12 kuntratti ricevuti minn Nutar Pubbliku fejn id-dejn huwa cert likwidu u dovut jikkostitwixxu titolu ezekuttiv.

“Dejjem skond il-konvenuti Zaffarese dan ifisser li s-socjeta’ attrici setghet tesegwixxi direttament kontra taghhom minghajr ma tintavola l-proceduri odjerni u li konsegwentement huma m’ghandhomx ibaghtu l-ispejjes ta’ dawn il-proceduri.

“Irid jigi rilevat li permezz ta’ ittra datata 15 ta’ April, 1992 (Dok. EZ4 annessa man-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenut Edwin Zaffarese) l-*overdraft facility* koncessa lis-socjeta’ konvenuta gie konvertit *f’loan account* fl-ammont ta’ Lm14,000.00 liema ammont kellu jithallas lura f’pagamenti rateali ta’ Lm120.00 fil-gimgha u kellu jithallas fi zmien 32 xahar mid-data ta’ din l-ittra.

“F’dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tat-28 ta’ Jannar, 2000 fil-kawza fl-ismijiet ‘Vincent Albert Muscat vs Rudolph Xuereb noe fejn il-Qorti qalet li in vista tal-fatt li l-Artikolu 253(b) tal-Kap. 12 jirreferi ghal kuntratti fejn id-dejn huwa cert, likwidu u li ghalaq u ghalhekk meta jkun hemm ftehim fuq terminu rigward il-pagament

*““il-kreditur ma jistghax jitlob li tkun esegwita l-obbligazzjoni qabel l-eghluq ta’ dak it-terminu………Konsegwentement una volta li l-kreditur ma setghax jitlob l-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni qabel l-eghluq tat-terminu li f’dan il-kaz kien gie estiz bi ftehim ta’ pagamrnt b’rati soggett ta’ klawzola ta’ dekadenza, kien car li ma setghax jinghad li l-kreditu kien ghalaq u li allura kien dovut, qabel ma jkun gie verifikat gudizzjarjament li c-cirkostanzi li provokaw id-dekadenza kienu sehhew. F’dan il-kuntest il-frazi ‘u li ghalaq’ kellha tigi bi precizjoni nterpretata. Il-ligi ma titkellimx fuq kuntratt dwar dejn cert, likwidu u li jaghlaq imma fuq dejn cert, likwidu u li jkun definittivament ghalaq”.*

“Applikat il-principju enuncjat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza msemmija ghal kaz odjern Il-Qorti kienet tasal ghall-konkluzjoni li l-proceduri odjerni ma kienux mehtiega stante li t-terminu ta’ 32 xahar stabbiliti ghall-pagament ghaddew u d-dejn kien wiehed li definittivament ghalaq. Izda fil-kaz in ezami l-konvenut, kif ser naraw, qed jikkontesta l-ammont (ghax qal li ghamel pagamenti) u l-imghaxijiet kif komputati (imghax kompost), ghalhekk il-Qorti jidhrilha li dina l-kawza kienet mehtiega.

“Illi fit-tieni lok, il-konvenuti Zaffarese, mhux qed jaqblu dwar l-ammont u l-imghaxijiet kif komputati.

**“Imghax kompost**

“Kwantu jirrigwarda l-imghax kompost, meta *overdraft facility* tigi konvertita ghal *loan account* bhal ma sar fil-kaz odjern (ara Dok. EZ4 anness man-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenut Zaffarese) jibdew japplikaw il-provvedimenti relattivi ghal kuntratt ta’ mutwum [recte: mutwu] u ghalhekk ma jibqghax aktar lecitu li jgi debitat imghax fuq imghax. Dan il-principju gie enuncjat ripetutament mill-Qrati Taghna u gie ribadit recentment f’sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta’ Dicembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet ‘Bank of Valletta Limited vs Anna’s Trading Limited et”. F’din is-sentenza il-Qorti tal-Appell qalet is-segwenti:-

*““Il-bazi legali kollha pero` li twassal ghall-konkluzjoni fuq imsemmija (il-fakolta’ li jigu debitati imghaxijiet komposti – kliem mizjuda mill-Qorti) hija l-ezistenza ta` ftehim ta` kont kurrenti. Terminat dan il-ftehim, tkun xi tkun ir-raguni, allura ir-regoli fuq enuncjati ma jsibux aktar l-applikazzjoni taghhom. Din it-terminazjzoni tista` ukoll tkun wahda unilaterali maghmula mill-kreditur, il-Bank attur fil-kaz prezenti, fejn dan juza` id-diskrezzjoni tieghu u jsejjah lid-debitur biex ihallas il-bilanc dovut (call in), jew javza lid-debitur li l-kont kurrenti m`ghadux qed jopera u li, per ezempju, il-kont jista` jintuza biss ghad-depoziti pero` mhux ghall-hrug ta` ammonti (readings only).*

*“Effettivament il-mument meta jkun spicca jopera l-kont kurrent jista` ikun differenti minn kaz ghall-iehor u huwa, ovvjament, kwistjoni ta` prova. Minn dak il-mument, pero`, legalment m`ghadux jezisti ftehim ta` kont kurrenti li bl-azzjoni, anke unilaterali, ta` wahda mill-kontraenti, gie mibdul ghall-ftehim semplici ta` mutwu u, ghalhekk, minn dak il-mument l-imghaxijiet komposti mhumiex aktar leciti.*

“Il-Qorti taghmel  referenza ghal dak li qalet l-Qorti tal-Appell in kwantu jirrrigwarda l-addebitar tal-imghax meta kont korrenti jigi konvertit ghal mutwu u ghalhekk  l-imghax dovut lis-socjeta’ attrici mill-15 ta’ April 1992 sal-llum ghandu jigi kalkolat b’mod semplici.

**“Nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuta Louise Zaffarese a fol 115.**

“Il-konvenuta Louise Zaffarese eccepiet ulterjorment li l-firem a fol 71 u 79 tal-process ma sarux minnha u dan kif gie konfermat mill-perit tekniku Joseph Gaffiero fir-rapport tieghu, u ghaldaqstant hi ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

“Fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghha l-konvenuta tirritjeni li hija kienet ghal kollox estranea ghal dak li kien qed jaghmel ir-ragel taghha Edwin Zaffarese u mir-rappport ta’ l-espert kaligrafu Joseph Gaffiero irrizulta li l-firem fuq il-‘consent form’ (a fol. 71) u fuq il-prokura generali (a fol. 79) ma kienux taghha izda kienu foloz. Fl-dan l-isfond hi

ssostni li l-principju ta’ fraus omnia corrumpit imur oltre dak li jipprovdi l-Artikolu 1326 citat mis-socjeta’ attrici fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha u l-Qorti qeghda hemm sabiex tissalvagwardja d-drittjiet tac-cittadin u tassigura li kull decizjoni tittiehed b’gustizzja.

**“Tikkunsidra**

“M’huwiex kontestat li l-ipotekar tal-proprjeta’ appartenenti lil komunjoni tal-akkwisti da parti tal-konvenut Edwin Zaffarese tikkostitwixxi att straordinarju ta’ amministrazzjoni ai termini tal-Artikolu 1322(3) tal-Kap. 16.

“Huwa veru li l-konvenuta Zaffarese rnexxilha tipprova li l-firma taghha fuq il-*‘consent form’* (a fol. 71) u dik fuq il-prokura generali (a fol. 79) ma kienux taghha u li hija ghalhekk ma tistax titqies li ppartecipat fl-att straordinarju ta’ amministrazzjoni maghmul minn zewgha meta huwa ipoteka l-proprjeta’ appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti favur is-socjeta’ attrici permezz ta’ ipoteka specjali u ipoteka generali u kkostitwixxa ruhu garanti solidali mas-socjeta’ konvenuta izda dan ma jimplikax awtomatikament li tali att ta’ amministrazzjoni huwa null fil-konfronti (sic) ta’ terzi u cioe’ fil-konfront tal-Bank attur.

“Il-konvenuta Zaffarese fil-fatt ma ressqet ebda procedura ntiza biex tannulla l-att straordinarju ta’ amministrazzjoni maghmul minn zewgha bil-mod u fit-termini stabbiliti mill-Artikolu 1326 tal-Kap. 16 u ghalhekk dan l-att ta’ amministrazzjoni jorbot il-komunjoni.

“F’dan ir-rigward issir referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell fis sentenza tas-27 ta’ Gunju 2003 fil-kawza fl-ismijiet ‘Anthony Bugeja vs Publius Micallef et' fejn intqal is-segwenti:-

*““Ghalhekk, fl-assenza ta’ prova li dik il-parti, espressament jew tacitament, irratifikat dak l-att, ir-rimedju tal-parti li ma tkunx ippartecipat fl-att ta’ amministrazzjoni straordinarja, jkun biss li ‘tiehu azzjoni biex iggieghel lill-parti li tkun agixxit wahedha*

*tirreintegra l-komunjoni tal-akkwisti, jew meta dan ma jkunx jista` jsir, taghmel tajjeb ghad-danni li jkun garrrab' (Art. 1326(5)).*

*"Minn dan jidher li att ta' amministrazzjoni straordinarja ta' wiehed mill-konjugi wahdu jorbot l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti kemm-il darba ma jkunx hemm pronunzjament tal-qorti dwar in-nullita` ta' dak l-att. Ir-relazzjonijiet interni bejn il-konjugi ghar-reintegrazzjoni jew danni, kif fuq inghad, ma jeffettwawx lit-terz.*

"Fil-kaz in ezami l-konvenuta Louise Zaffarese ma istitwit ebda proceduri biex tannulla l-iskrittura fuq imsemmija, is-semplici talba taghha biex tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju ma tissodisfax il-vot tal-Artikolu 1326 tal-Kap 16. Isegwi li dak id-dejn li gie rikonoxxut bl-istess skrittura huwa piz fuq il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Zaffarese.

**"Fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti John u Carmen konjugi Gauci a fol. 28** tal-process qed jeccepixxu:

"Illi fl-ewwel lok ic-citazzjoni kontra wiehed mill-konvenuti konjugi Gauci ma kienitx innotifikata skond il-ligi. Dina l-eccezzjoni giet irtirata skond verbal a fol. 31.

"Illi bla pregudizzju ghas-suespost l-azzjoni kwantu diretta kontra l-konvenuti John u Carmen Gauci hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156(d) u (e) tal-Kap 16.

"Illi l-konvenut John Gauci fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu ma qajjimx il-kwistjoni dwar il-preskrizzjoni u accetta li ghandhu jaghti - ghalhekk preskrizzjoni ma tghaddiex. Kull ma qal kien li kull ma jista jigi kkundannat ihallas in solidum, inkluz kapital u imghax, hija s-somma ta' Lm14,000.

**"DECIZJONI**

"Ghal dawn il-motivil-Qorti tiddeciedi billi tiddikjara lill konvenuti kollha hlief ghal-konvenuta Louise Zaffarese,

debituri tas-socjeta' attrici fis-somma ta' tnax il-elf tmien mija u sebghin lira maltin u sebgha u ghoxrin centezmi (Lm12,870.27),u tikkundanna lill dawn il-konvenuti solidalment biex ihallsu lill-Bank attur is-somma msemmija; bl-imghax ulterjuri mill-1 ta' Awissu, 1998 sad-data tal-pagament effettiv;

"Tillibera lill-konvenuta Louise Zaffarese mill-osservanza tal-gudizzju.
Spejjez ghall konvenuti."

**L-APPELL TA' LOMBARD BANK MALTA PLC**

2.1 L-attur f'din il-kawza, jigifieri il-Lombard Bank Malta p.l.c., hassu aggravat b'din is-sentenza u ghalhekk interpona appell minnha ghal fini ta' riforma, kif ser jigi spjegat aktar 'il quddiem b'mod dettaljat.

2.2 L-appell tal-Bank attur huwa bbazat fuq is-segwenti zewg aggravj:–

i) illi l-Qorti ta' Prim Istanza kienet zbaljata meta ddecidiet illi l-imghax dovut lill-Bank attur mill-15 ta' April 1992, ossija d-data meta l-*overdraft facility* tas-socjeta` konvenuta gie konvertit ghal *loan account*, ghandu jigi kkalkolat b'mod semplici u li ma jibqax aktar lecitu li jigi debitat imghax fuq imghax, u konsegwentement irriduciet is-somma ta' LM13,787.12c ghas-somma ta' Lm12,870.27c;

ii) il-Qorti kienet ukoll zbaljata meta lliberat lill-konvenuta Aloysia sive Louise Zaffarese mill-osservanza tal-gudizzju.

2.3 L-appellant jissottometti li t-tezi tal-Qorti ta' l-ewwel grad li meta *overdraft facility* jigi konvertit *f'loan account* jibdew japplikaw il-provvedimenti relattivi ghal kuntratt ta' mutwu u ma jibqax lecitu li jigi debitat imghax fuq imghax, hija skorretta . Jghid li dak li qalet l-ewwel Qorti japplika biss meta d-debitu jkun wiehed ta' self *sic et simpliciter*, ossija mutwu taht il-Kodici Civili, fejn l-imghax jigi dikjarat kjarament. Izda fil-kaz ta' *loan facility* illi jaghti l-Bank, ir-rata ta' l-imghax ma tkunx specifikata u jigi stipulat li l-

imghax jista' jingabar "*at the maximum rate allowed by law*" f'rata li jiffissa l-Bank fid-diskrezzjoni tieghu. Inoltre, il-klijent jinghata facilta` li generalment tintitolah jirtira perjodikament somom ta' flus li ma jeccedux il-facilita`. Jirrileva, ghalhekk illi l-facilita` moghtija mill-Bank hija kuntratt *sui generis* u mhux ta' mutwu u ma tistax tigi regolata bir-regoli kontenuti fil-Kodici Civili. Izid li l-principji applikabbli ghal kuntratt ta' *overdraft*, partikolarment il-principju ormai pacifiku fil-gurisprudenza taghna[1] li rrikonoxxiet il-legalita` tal-komputazzjoni ta' l-imghax fuq imghax ghandhom japplikaw *mutatis mutandis* ghal kuntratt ta' self.

2.4 L-appellant jissottometti li l-Artikoli 1142 u 1850 tal-Kodici Civili huma ferm differenti ghaliex, filwaqt li l-Artikolu 1850 espressament jipprovdi li fil-kaz ta' mutwu huwa illegali li l-partijiet jidderogaw mid-divjet tal-ligi, l-Artikolu 1142 ma jivvjetax ftehim bejn il-partijiet dwar imghax fuq imghax f'kaz ta' obbligazzjonijiet li ma humiex dawk ta' mutwu. Isostni li l-obbligazzjonijiet kummercjali huma regolati mill-Artikolu 3 tal-Kodici tal-Kummerc li skond il-Professur Felice Cremona jistabilixxi l-ordni li bih ghandhom jigu applikati l-origini tal-ligi kummercjali. Jghid li jirrizulta car mill-qari ta' dan l-artikolu li f'nuqqas ta' disposizzjoni tal-ligi kummercjali ghandhom japplikaw l-uzanzi kummercjali li jipprevalu fuq il-ligi Civili, li tapplika biss meta tali uzanza ma tezistix, u ormai hija uzanza kummercjali inveterata li fil-kaz ta' apertura ta' kreditu bankarju l-imghaxijiet huma dejjem kalkolati fuq l-imghaxijiet.

Jispjega li hemm certu decizjonijiet li ma jaccettawx l-addebitar bl-imghaxijiet komposti peress li bil-hlas ta' l-imghaxijiet komposti r-rata effettiva ta' imghax fis-sena tkun oghla minn dik ta' tmienja fil-mija stabbilita fl-Artikolu 986(2) tal-Kodici Civili, izda din id-disposizzjoni hija "bla hsara ghad-disposizzjonijiet… ta' xi ligi ohra." Huwa car li dan l-artikolu qed jirreferi ghal dak dispost fl-Artikolu 38(1) ta' l-Att dwar il-Bank Centrali ta' Malta li jaghti lill-

[1] Ara **– J. Farrugia v. G. Borg noe** - Qorti ta' l-Appell – 12 ta' Frar 1988; **Dr. G. Mercieca noe v. J. Borg pro et noe** - Kummerc – 6 ta' Ottubru 1994; **Dr. D. Cassar noe v. L. Farrugia noe et** – Appell Superjuri 6 ta' Dicembru, 2002.

istituzzjonijiet ta' kreditu d-diskrezzjoni li jistabilixxu rata ta' imghax li ghandha tithallas. Ghalhekk a bazi tal-principju *lex specialis derogat generalis*, il-Kapitolu 204 li huwa ligi specjali ghall-banek u jidderoga mill-provvedimenti tal-Kodici Civili ghandu jipprevali.

Ghaldaqstant jissottometti li r-regoli tal-Kodici Civili jghoddu biss ghal self *sic et simpliciter* u ma jistghux jghoddu ghall-facilitajiet ta' *overdraft* jew *loan* fejn l-imghax kompost jew dak oghla mir-rata ta' tmienja fil-mija huwa permissibbli bil-ligi, u konsegwentement il-Qorti ma kellhiex tnaqqas l-ammont mitlub fic-citazzjoni attrici.

3. Dwar it-tieni aggravju jghid li ghalkemm il-Qorti ta' l-ewwel grad ikkonkludiet illi l-konvenuta Louise Zaffarese kien irnexxielha tipprova li l-firem taghha kienu falsifikati xorta qalet li l-ipotekar tal-proprjeta` appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-konvenuti konjugi Zaffarese kien jorbot lill-komunjoni, u li t-talba tal-konvenuta biex tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju ma kenitx tissodisfa l-vot ta' l-Artikolu 1326 tal-Kodici Civili, li jipprovdi procedura intiza biex tannulla att ta' amministrazzjoni straordinarja ta' konjugi wiehed, imbaghad illiberat lill-konvenuta Aloysia sive Louise Zaffarese. Izid li l-Qorti iccitat id-decizjoni fl-ismijiet **Anthony Bugeja v. Publius Micallef** fejn intqal li r-relazzjonijiet interni bejn il-konjugi ghar-reintegrazzjoni jew danni ma jaffettwawx lit-terz u fejn giet riformata s-sentenza ta' l-ewwel Qorti li kienet illiberat lill-konvenuta mill-harsien tal-gudizzju. Il-Qorti ta' l-ewwel grad, qablet ukoll ma' l-osservazzjonijiet li ghamel il-Bank attur fin-nota pprezentata minnu - ciononostante lliberat lill-konvenuta appellata mill-osservanza tal-gudizzju, minflok ma kkundannatha thallas id-dejn dovut b'mod solidali mal-konvenuti l-ohra, kif wara kollox ghamlet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fuq citata.

4. Ghalhekk talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza tas–27 ta' Frar 2004, billi-

i) tirrevokaha in kwantu lliberat lill-Aloysia sive Louise Zaffarese mill-harsien tal-gudizzju u tilqa` t-talba

tal-Bank appellant kontra taghha billi tikkundanna lill-konvenuti kollha solidalment bejniethom jhallsu l-ammont mitlub fic-citazzjoni, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet;

ii) tirriformaha in kwantu ddecidiet li l-imghax dovut lill-Bank appellant mill-15 ta' April 1992, ghandu jigi kkalkulat b'mod semplici, billi tiddikjara li l-ammont dovut huwa dak reklamat fic-citazzjoni, liema cifra tinkludi element ta' imghax kompost, stante li r-regoli tal-Kodici Civili jghoddu biss ghas-self *puro e semplice*, u ma jistghux jghoddu ghal facilitajiet ta' *loan* moghtija mill-Bank fejn l-imghax kompost huwa permess bil-ligi specjali;

iii) fil-bqija tikkonfermaha fl-intier taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TA' EDWIN ZAFFARESE</u>**

5. L-appellat Edwin Zaffarese jissottometti li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma u li l-ewwel Qorti, rat u apprezzat id-dokumenti kollha esebiti mill-partijiet u ddecidiet b'mod gust dwar il-quantum ta' l-imghax dovut.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-APPELLATA ALOYSIA SIVE LOUISE ZAFFARESE</u>**

6. L-appellata Aloysia sive Louise Zaffarese tissottometti li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma ghas-segwenti ragunijiet –

i) Illi l-appellant ma ressaq ebda raguni valida ghaliex l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti kellu jigi disturbat u huwa principju risaput illi l-Qorti ta' Revizjoni ma ghandhiex tiddisturba tali apprezzament hlief ghal ragunijiet gravi li jwassluha ghall-konvinzjoni li jekk ma tissostitwix l-apprezzament taghha ta' dawk il-provi kienet ser ssir ingustizzja manifesta. Minn dan kollu ma hemm xejn fil-kaz odjern;

ii) Illi l-appellata rnexxielha tipprova, minghajr ebda dubju, li l-firem fuq il-*consent form* u l-prokura

generali li allegatament kienu taghha, kienu foloz. Il-frodi li sar f'dawn il-firem juru l-mala fede minn min kellu interess li tali frodi jippersisti sabiex jaghmel kapital minnu. F'dan il-kuntest huwa sintomatiku dak li ntqal mill-Prim Awla, fil-kawza fl-ismijiet **E. Enriquez et v. Avukat Dr. A. Farrugia et noe**[2] li – "fejn jirrizulta agir skorrett li juri *mala fides* (Il-Qorti) ma ghandhiex thalli lil min jahti ghal dan l-agir jiehu vantagg mill-*mala fides* tieghu. Il-ligi taghna hija mibnija fuq il-*bona fides*. L-ebda negozju guridiku ma ghandu mmunita mill-principju *fraus omnia corrumpit*.", liema principju gie wkoll konfermat mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Malta Development Corporation v. Zet Ltd**[3].

iii) Illi l-punt principali fil-kawza odjerna hija l-frodi u l-principju *fraus omnia corrumpit* jipprevalixxi u jigi qabel kull punt iehor tal-ligi. Tali principju jmur oltre dak provdut mill-Artikolu 1326 tal-Kodici Civili u ghalhekk, tenut kont tal-fatt illi l-Qorti qeghda hemm sabiex tissalvagwardja d-drittijiet tac-cittadin u tassigura li kull decizjoni tittiehed b'gustizzja, is-sentenza ta' l-ewwel Qorti ghandha tigi konfermata.

## IR-RISPOSTA TA' L-APPELLATI KONJUGI GAUCI

7. Il-konvenuti l-ohra, il-konjugi John u Carmen Gauci, jissottomettu li d-decizjoni tal-Qorti rigward l-imghax kompost u dak semplici hija skond il-ligi u ghandha tigi konfermata. Jghidu li fis-sentenza tal-Prim Awla fl-ismijiet **PL. J. Zammit noe v. L Pulis et**[4], gie deciz illi l-uzu kummercjali jippermetti li fil-kaz ta' ftuh ta' kont kurrenti bank jista` jikkapitalizza l-imghaxijiet maturi minghajr ftehim precedenti u fuq perjodi ta' inqas minn sena, izda dan ghandu jsir sal-gurnata li jigi terminat il-kont kurrenti jew ssir *call-in* u mal-kjuzura l-imghax irid jigi kkalkolat kif stabbilit fil-Kodici Civili. Din il-kawza kienet segwiet l-insenjament ta' decizjoni precedenti tal-Qorti ta' l-Apell fl-

[2] 12 ta' Ottubru 1995
[3] 5 ta' Ottubru 2001

[4] 28 ta' Frar 2003

ismijiet **Bank of Valletta Ltd v. Anna's Trading Ltd**[5] decizjoni ohra u tal-Prim Awla fl-ismijiet **Dr. Reno Borg noe v. J. Borg et noe**[6].

## IN-NOTA TA' CESSJONI PPREZENTATA MILL-APPELLANT

8. B'nota pprezentata fit-18 ta' Ottubru 2006, il-Bank appellant ceda l-atti tal-kawza fil-konfront tas-socjeta` Eurimpex Ltd stante li rrizulta li din is-socjeta` giet xolta u konsegwentement giet kkancellata mir-Registru tal-Kumpaniji. Zamm ferm pero` l-appell odjern fil-konfront tal-konvenuti l-ohra.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

9. Il-lanjanzi ta' l-appellant huma tnejn ta' indoli legali u jikkonsistu fis-segwenti:–

i) id-decizjoni appellata li tirriduci l-ammont mitlub fic-citazzjoni attrici minn Lm13,787.12c ghal Lm12,870.27c, ghaliex skond dik il-Qorti l-imghax dovut mill-15 ta' April 1992, kellu jigi kalkulat b'mod semplici stante li minn dik id-data l-facilita` ta' kont kurrenti kienet giet konvertita f'self u ghalhekk ma baqax aktar lecitu li jigi debitat imghax fuq imghax hija zbaljata;

ii) dik il-parti tad-decizjoni li l-konvenuta Aloysia sive Louise Zaffarese tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju hija wkoll zbaljata.

10. Din il-Qorti hija tal-fehma ferma li dan l-aggravju huwa infondat u taqbel ma' dak deciz f'dan ir-rigward mill-Qorti ta' Prim Istanza, li wara kollox, ibbazat id-decizjoni taghha fuq sentenza moghtija fis-6 ta' Dicembru 2002, minn din il-Qorti kif komposta, f'liema decizjoni din il-Qorti ghamlet studju approfondit fuq il-materja in ezami. F'dik is-sentenza, fl-ismijiet **Bank of Valletta Ltd v. Anna's Trading Co. ltd et** intqal li meta l-facilita` ta' kont kurrenti moghtija mill-Bank tigi terminata ghal kwalsiasi raguni, l-

[5] 6 ta' Dicembru 2002
[6] 3 ta' Ottubru 2002

uzu kummercjali fejn l-imghaxijiet jigi mizjud mal-kapital fuq il-bilanc ta' kuljum, kull sitt xhur, u b'hekk jifforma parti mill-kapital ma jsibx aktar applikazzjoni u japplika dak provdut fil-Kodici Civili[7].

11.1 Fil-kaz odjern, irrizulta li l-facilta` ta' kont kurrenti koncessa lis-socjeta` konvenuta mill-Bank appellant, giet konvertita f'self ghall-ammont definit ta' LM14,000 fil-15 ta' April 1992[8]. Dan l-ammont kellu jithallas lura f'pagamenti rateali ta' LM120 fil-gimgha, biex b'hekk is-self jithallas lura fi 32 gimgha. Ghalhekk minn dakinhar, ma baqax jezisti ftehim ta' kont kurrenti, li bl-azzjoni anke unilaterali ta' wahda mill-partijiet gie konvertit ghal ftehim semplici ta' self/mutwu (u mhux, kif jargumenta l-appellant ghal xi kuntratt *sui generis*), u konsegwentement l-imghaxijiet komposti ma jibqghux aktar leciti, hlief kif kontemplat fl-Artikolu 1142 tal-Kodici Civili. Din il-fehma giet ukoll abbraccjata fid-decizjoni ta' din il-Qorti, diversament komposta, fil-kawza fl-ismjiet **J.M. Farrugia v. G. Borg noe**[9] fejn kienet giet revokata sentenza tal-prim istanza. Hemmhekk kien gie korrettement osservat illi peress li dan l-uzu kummercjali kien sa certu punt jammonta ghal deroga ghal-ligi skritta, kellu jigi mizmum fil-limiti gusti tieghu u ghalhekk, meta jirrizulta li l-kont kurrenti bankarju gie maghluq, is-sistema ta' l-imghax kif komputat mill-Bank ma kellux jibqa' japplika u minn dak il-mument ikun dovut imghax semplici.

11.2 Dan isehh ghax darba li tigi terminata facilita` ta' kont kurrenti, l-ammont dovut jigi determinat, u bhala obbligazzjoni li ghandha bhala oggett taghha <u>l-hlas ta' somma determinata</u>, ma jistax jintalab imghax fuq imghax jekk mhux kif kontemplat fl-artikolu 1142 tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu huwa projbizzjoni cara ta' l-imghaxijiet komposti u japplika ghal kaz ta' self, u gie ritenut mill-Qrati taghna bhala wiehed ta' ordni pubbliku, li ma jistax jigi injorat bl-iskuza ta' usanza bankarja. Ma hemm ebda ligi li tippermetti li ssir xi eccezzjoni ghal din ir-regola u allura

---

[7] Ara wkoll – **Busuttil v. Spiteri deBarro** – Prim Awla – 15 ta' Jannar 1979; **Azzopardi v. Falzon** – Appell – 20 ta' Lulju 1994
[8] Dok. EZ4 a fol 151
[9] 12 ta' Frar 1998

kull prassi kontra r-regola msemmija tista` ssib konfort biss fil-konswetudini. Dan il-punt gie trattat mill-Prim Awla fil-kawzi fl-ismijiet **Bank of Valletta Limited v. IV's Co Ltd et** [10] u **Bank of Valletta plc v. C. Muscat et**[11]. F'din ta' l-ahhar il-Qorti kkwotat dak li qal il-Professur Joseph M. Ganado fin-noti tieghu dwar il-**Prolegomena** li,
"Technically a law can cease to be a law only when it is abrogated by another legislative instrument. It is true that when a custom possesses all the necessary requisites, it is on the same level as written law and is fraught with equal authority; however, for a series of acts to be obeyed "opinione necessitatis", the series of acts should not be a series of unlawful acts, as otherwise one would have to admit the absurdity that a series of illegalities can produce law. It seems that a distinction should be drawn between imperative or prohibitive laws and laws of public order on the one hand, and laws which aim merely at declaring or supplementing of the presumed will of parties on the other hand*. In regard to the former <u>consuetudo abrogatoria cannot exist</u>, while the possibility of its existence cannot be excluded a priori in regard to the latter"- Notes on Prolegomena by Professor J.M. Ganado* (pagna 12)

Dik il-Qorti kompliet tispjega illi -

"Ma jista' jkun hemm ebda dubju, li l-Artikolu 1142 tal-Kodici Civili huwa regola ta' ordni pubbliku. Dan jirrizulta min-natura ta' din ir-regola infisha u, partikolarment, fid-dawl ta' l-Artikolu 1850(3) li jiddisponi li kull arrangament kuntrarju ghad-dispozizzjoni tal-ligi li tipprojbixxi li l-imghaxijiet jigu komposti fi zmien anqas minn sena, huwa null, u kwindi *il-consuetudo abrogatoria* ma tistax tigi accettata f'dan il-kaz.

"Fil-fatt, il-legislatur patriu kien dejjem geluz li jirreprimi l-uzura u l-Qrati dejjem irritenew li konvenzjoni affetta b'uzura hija, ghal dak li jirrigwarda l-uzura, nulla b'mod assolut, jigifieri inesistenti billi illecita ghax proibita mill-ligi (ara fost ohrajn is-sentenzi riportati fil-Volum XXXII.I.263, XXXIX.I.366 u XLV.I.127). L-uzura hi materja "*che ha*

[10] 3 ta' Lulju 2003
[11] 6 ta' Mejju 2004

*appartenza all'ordine pubblico*" tant li, anki kien hemm zmien li jekk kuntratt ikun sar barra minn Malta, fejn hu ammess dak li ghalina hu uzura, jekk tigi mitluba l-esekuzzjoni tal-kuntratt f'Malta, il-Qorti Maltija ma takkordax l-esekuzzjoni ghall-uzura (Vol.XXX.II.288). Sahansitra fl-azzjoni kambjarja, fejn b'ligi espressa (art.197 u 198 tal-Kodici tal-Kummerc) mhi permess ebda eccezzjoni kontra l-hlas ta' l-import li jidher fuq wicc il-kambjala, il-Qrati dejjem dahlu biex jindagaw, meta jigu hekk mitluba, jekk il-kambjala kienetx "imcappsa bl-usura"(Vol.XXXI.I. 507)."

11.3 Spjegat illi gie deciz mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Cassar noe v. Farrugia noe**[12] li meta jigi terminat kont kurrenti jidhlu *in vigore* il-provvedimenti normali tal-mutwu u illi –
"Dan ikompli jafferma il-mod kawt kif il-Qrati taghna accettaw li jkomplu jaghtu validita` lill-prattika bankarja, u jekk *overdraft*, malli jieqaf li jkun facilita`, irid jinhadem b'imghax semplici, aktar u aktar ghandu hekk jinhadem kont li, sa mill-bidu nett, qatt ma kien *overdraft*, izda kien kont ta' self.

"Il-fatt li, f'dawn l-ahhar zmienijiet, il-Bank Centrali ta' Malta kien gie awtorizzat, b'legislazzjoni *ad hoc*, li jippermetti lill-banek kummercjali jimponu imghax akbar mit-8% kontemplat fil-ligi civili, ma jfissirx li l-uzura m'ghadhiex mistmerra u meqjusa bhala li tmur kontra l-ordni pubbliku. Tant l-uzura saret konsiderata serja u kontra l-ordni pubbliku li bl-att III tal-2002, il-legislatur introduca artikolu gdid fil-Kodici Kriminali, l-artikolu 298C, li in forza taghha l-uzura giet introdotta bhala reat gdid taht il-kapitolu li jittratta l-Frodi. Il-fatt li l-banek biss huma awtorizzati jitolbu imghax ghola (u dan dejjem taht il-kontroll tal-Bank Centrali) ikompli jafferma b'liema kawtela l-Istat ihares lejn l-imghaxijiet fl-interess tas-socjeta' in generali. Inoltre, l-artikolu 38 tal-Att dwar il-Bank Centrali ta' Malta (Kap. 204) jippermetti biss imghax oghla mit-8%, izda ma jippermettix kalkolu ta' imghax differenti minn dak kontemplat fil-Kodici Civili. Dan l-artikolu, fil-fatt jghid:

[12] 6 ta' Dicembru 2002

*"Minkejja kull haga li tinsab f'xi ligi ohra, istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji (sic) jistghu jistabbilixxu r-rata ta' mghax li tithallas fuq depoziti mizmuma minn istituzzjonijiet ta' kreditu, u r-rata ta' mghax li huma jistghu jzommu fuq self, avvanzi u kull facilita' ta' kreditu ohra kif ukoll il-hrug ta' obbligazzjonijiet jew stocks ta' obbligazzjonijiet jew strumenti ohra li joholqu jew li jirrikonoxxu debitu.*

"Meta l-artikolu 1852, li jorbot ir-rata tal-imghax mal-percentagg ta' 8%, kien gie emendat l-ewwel b'zieda tas-subartikolu (4), li kienet tippermetti lill-banek jisilfu b'rata oghla mit-8%, u mbaghad b'zieda tas-subartikolu (5), li jqies validu ftehim b'rata ta' imghax oghla mit-8%, meta dak il-ftehim ikun regolat b'ligi ta' pajjiz li mhux Malta, l-artikolu 1850 li espressament jipprojbixxi kalkolu ta' imghax komposti differenti minn dak kontemplat fl-istess Kodici Civili, ma giex minsus. Kif gia intwera l-artikolu 1850(3) jaghmilha cara meta jghid li "kull ftehim iehor ta' mghaxijiet fuq imghaxijiet, ma jiswiex" u ma hemm ebda ligi ohra, la l-Kapitolu 204 indikat, u l-anqas l-Att XV tal-1997 dwar il-Kummerc Bankarju (Kap. 371) li jippermetti kalkolu ta' imghax mod iehor. Il-kwistjoni ta' l-imghaxijiet komposti baqghet l-istess, nonostante l-bidliet kbar li saru fil-kamp finanzjarju tal-pajjiz, u meta l-ligi, b'mod espress, tipprojbixxi *method* ta' kalkolu differenti minn dak kodifikat, dik il-ligi ma tistax tkun hlief wahda ta' ordni pubbliku li ma tippermettix konswetudini kontra taghha.

"Kwindi din il-Qorti ghadha tqis li l-kaz ta' self li hu kuntratt regolat mill-Kodici Civili, l-imghaxijiet huma kemm huma, iridu jinhadmu biss kif jikkontempla l-istess Kodici Civili, u kull metodu iehor huwa hazin u illegali."

Kienet ghalhekk korretta l-Qorti ta' Prim Istanza meta ddecidiet li tirriduci l-ammont mitlub fic-citazzjoni u ordnat li l-interessi mill-15 ta' April 1992, sal-lum jigu kkalkolati b'mod semplici.

11.4 Finalment jigi wkoll rilevat illi din il-Qorti, kif diversament komposta, kienet osservat illi –

“Il-principju llum hu li sentenza tal-Qrati Superjuri fuq punt ta’ dritt ghandha per regola tigi segwita, ghalkemm ma hemm ebda obbligu preciz in propozitu, pero` huwa wkoll stabbilit illi dan il-principju huwa car ghax diversament ikollok anarkija”[13]

12. L-aggravju l-iehor tal-Bank appellant jittratta d-decizjoni tal-Qorti ta’ Prim Istanza li tillibera lil Aloysia sive Louise Zaffarese mill-osservanza tal-gudizzju. L-appellant jissottometti li l-Qorti osservat li l-kostituzzjoni ta’ ipoteka huwa att ta’ amministrazzjoni straordinarja tal-komunjoni ta’ l-akkwisti u li gie ppruvat li l-konvenuta ma kenitx iffirmat l-iskritturi li jinsabu a fol 71 u 79 tal-process, u qalet li dan ma kienx jimplika n-nullita` awtomatika ta’ dan l-att fil-konfront ta’ terzi. Dan stabbilit, ziedet illi l-konvenuta ma kenitx istitwiet il-proceduri kontemplati fl-Artikolu 1326 tal-Kap. 16 biex tannulla l-iskritturi *de quo*, u kkonkludiet illi d-dejn mitlub mill-attur kien piz tal-kommunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi. Dan maghdud izda, dik il-Qorti illiberatha mill-osservanza tal-gudizzju minflok ordnatilha thallas id-dejn solidalment mal-konvenuti l-ohra.

13. Min-naha taghha l-appellata Aloysia sive Louise Zaffarese tissottometti li l-principju *fraus omnia corrumpit* imur oltre dak provdut fl-Artikolu 1326 tal-Kodici Civili u fl-isfond ta’ dan kollu “tenut kont tal-fatt illi l-Qorti qeghda hemm sabiex tissalvagwardja d-drittijiet tac-cittadin u tassigura illi kull decizjoni tittiehed b’gustizzja, s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti ghandha tigi konfermata.”

14.1 Min ezami tal-provi prodotti u tar-relazzjoni tal-perit kalligrafu Joseph Gaffiero (ara fol 97 *et seq* tal-process) rrizulta li l-firma fuq id-dokumenti esebiti a fol 71 u 79 tal-process qatt ma setghu saru mill-konvenuta Aloysia sive Louise Zaffarese. Ma jidhirx li hemm xi raguni ghaliex ghandha tigi disturbata l-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti li l-firem fuq il-*consent form* tal-Lombard (fol 71) u l-prokura (a fol 77-79) ma humiex ta’ Louise Zaffarese.

[13] **Dr. V. Formosa v. Direttur tas-Sigurta` Socjali** – 4 ta’ Mejju 1992 kwotata mill-Prim Awla fil-kawza fl-ismijiet **Pl. J Zammit noe et v. L. Pulis et** deciza 28 ta’ Frar 2003

Ghalhekk f'dan il-kuntest kemm il-*consent form* mahruga mill-Lombard Bank datata 12 ta' Marzu 1990 (fol 71), ossija gurnata qabel ma l-Bank appellant ikkonceda l-facilita` ta' kont kurrenti lis-socjeta` konvenuta (fol 67), kif ukoll il-prokura favur Edwin Zaffarese datata 25 ta' Marzu 1991 (fol 77 *et seq*), it-tnejn allegatament ffirmati mill-konvenuta, huma nulli. Izda dan ma jfissirx li l-att ta' amministrazzjoni straordinarja maghmul minn Edwin Zaffarese fl-10 ta' April 1992 (Dok E a fol 16 *et seq*) fejn ipoteka proprjeta` appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti favur il-Bank attur, u kkostitwixxa ruhu garanti tas-socjeta konvenuta, illum xolta, huwa null u bla effett fil-konfront tal-Bank.

14.2 Ma jirrizultax mill-provi li l-konvenuta qatt allegat li l-firma ta' zewgha fuq id-dokument tal-garanzija datata 10 ta' April 1992, kienet falsifikata. Jigi rilevat li meta saret tali garanzija l-Kodici Civili ma kienx ghadu gie emendat bl-Att XXI tal-1993. Dan l-Att dahal fis-sehh fl-1 ta' Dicembru 1993, bl-Avviz Legali 127 tal-1993, u sa dakinhar kienu ghadhom vigenti d-disposizzjonijiet precedenti ghal dawk li llum jinsabu fil-Kodici, li gew citati erronjament kemm mill-ewwel Qorti kif ukoll mill-Bank appellant. Li kienu proprju dawk id-disposizzjonijiet li huma applikabbli ghall-obbligazzjoni odjerna jirrizulta wkoll mill-artikolu 89(1)b ta' l-Att XXI tal-1993, li huwa d-disposizzjoni transitorja.

14.3 Skond dawk id-disposizzjonijiet, dakinhar applikabbli, ir-ragel kien l-amministratur tal-komunjoni ta' l-akkwisti u seta jagixxi bil-mod kif ghamel il-konvenut Edwin Zaffarese minghajr il-htiega ta' intervent ta' martu. L-Artikolu 1318 (1) infatti kien jipprovdi li –

"L-amministrazzjoni ta' l-akkwisti u l-jedd li jharrek jew li jigi mharrek dwar dawk l-akkwisti jmissu lir-ragel; izda dan ma jistax jttrasferixxi jew jipoteka dawk l-akkwisti minghajr il-kunsens tal-mara hlief b'titolu oneruz jew biex iwettaq l-obbligazzjonijiet li ghandu skond il-ligi."

F'dan ir-rigward issir riferenza ghal dak li nghad fid-decizjoni fl-ismijiet **P.L. J. Zammit noe v. J. Fenech et**[14], jigifieri li

"Jekk dan is-subartikolu kienx jipprojbixxi lir-ragel jaghti garanzija minghajr il-kunsens ta' martu kien gie diskuss mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc, almenu fi tlett kawzi, u ghalkemm it-tlett kawzi imsemmija kienu presjeduti minn gudikant differenti, fit-tlett istanzi ntqal li dak l-artikolu jipprojbixxi biss transfers jew ghoti ta' ipoteki b'titolu gratwitu, u bhala eccezzjoni ghall-poteri assoluti li kellu r-ragel fuq il-komunjoni ta' l-akkwisti m'ghandhiex tinghata interpretazzjoni wiesgha, u kwindi l-ghoti ta' garanzija, anke jekk b'titolu gratuwitu, ma kienx kopert b'dik l-eccezzjoni, u r-ragel seta` jagixxi wahdu fl-ghoti ta' garanzija minghajr il-htiega li jitlob il-kunsens ta' martu. It-tlett kawzi li tirreferi ghalihom din il-Qorti huma Mamo noe v. Abela noe et deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc (per Onor. Imhallef G. Mifsud Bonnici) fl-20 ta' Marzu 1990, Borg v. Borg et deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc (per. Onor. Imhallef G. Muscat Azzopardi) fl-14 ta' Gunju 1994 u Mercieca noe v Borg noe et, deciza wkoll mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc (per Onor. Imhallef A. Manche`) fis-6 ta' Ottubru 1994."

Ta' l-istess fehma kienet id-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet **Darmanin v. Attard et** deciza mill-Prim Awla fit-8 ta' Frar 1993 fejn il-fatti kienu wkoll jikkoncernaw firma falsifikata tal-mara fuq prokura lil zewgha.

15. Din il-Qorti taqbel ma' dan l-insenjament u ghalhekk tiddikjara illi l-garanzija kif moghtija favur il-Bank appellant minn Edwin Zaffarese hija valida u torbot lill-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Zaffarese stante li taht il-ligi vigenti dakinhar ir-ragel seta' jaghti garanzija ghad-dejn ta' haddiehor u jorbot l-assi tal-komunjoni minghajr il-bzonn li jitlob qabel il-kunsens ta' martu.

Ghaldaqstant, fid-dawl ta' dak hawn fuq premess, it-talba tas-socjeta` appellanti qeghda tigi milqugha u l-Qorti

---

[14] Prim Awla – 4 ta' Marzu 2004

taqbel li l-konvenuta Aloysia sive Louise Zaffarese ma kellhiex tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tichad l-ewwel aggravju ta' l-appellant izda tilqa` t-tieni aggravju u konsegwentement qeghda wkoll tirriforma s-sentenza appellata billi tiddikjara li l-konvenuti appellati kollha (u allura anke Aloysia sive Louise Zaffarese) huma debituri tal-Bank attur fis-somma ta' Lm12,870.27 u tikkundannahom solidalment bejniethom biex ihallsu l-ammont lill-Bank bl-imghax ulterjuri mill-1 ta' Awissu 1998, sad-data tal-pagament effettiv, kif fuq dispost; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

In vista ta' dak illi gie deciz, l-ispejjez relattivi ghall-ewwel istanza ghandhom jithallsu interament mill-konvenuti solidalment bejniethom, filwaqt li dawk relattivi ghal dan l-appell ghandhom jigu sopportati kwantu ghal terza parti (1/3) mill-attur appellant u r-rimanenti zewg terzi (2/3) mill-konvenuti konjugi Edwin u Aloysia Zaffarese u John u Carmen Gauci in solidum bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------